# 33. Friefet u Pensieri

Il-friefet u l-pensieri huma żewġt aħwa:
it-tnejn minn ommhom ħelwa wirtu s-sura
ta' ġwienaħ impittrin u għabra fina
tad-deheb ġo nofshom.

Il-ħarġa tal-pensieri ġol-ħamrija
taħsibha qatgħa friefet, qatgħa ġwejda
mibruka fuq iz-zkuk, u l-friefet qabda
pensieri jtiru.

'Mma l-għaqda bejn daw' l-ħlejjaq bellusija
tasal aktar 'il bogħ'd mix-xebħ fis-sura,
u min ġol-ġnien joqgħod jitgħaxxaq jara
fiż-żiffa qajla

il-pensieri jiżżeffnu ferreħija
u l-friefet qalbenin telgħin u nieżla
madwarhom u ġo nofshom mingħajr hedu,
jekk jara sewwa,

jara l-imħabba sħuna kollha fwieħa
meħuda minn pensier għal pensier ieħor
fuq ġwienaħ il-farfett u l-bews ta' fommhom
miġrur fuq fommhom.

Sakemm fil-ġuf ta' kull pensier jitnisslu
iż-żrieragħ imdakkrin li r-riħ ibennen
u wara jwaqqa' fl-art sabiex isiru
pensieri ġodda.

Ta' dan ix-xogħ'l imbierek il-pensieri
jagħtu lill-friefet ta' ġo qalbhom l-għasel
li jagħti saħħa u riżq sabiex irabbu
friefet imżewqa.

Il-friefet u l-pensieri ħaġa waħda;
is-sena l-oħra kienu t-tnejn imxerrda
ġewwa l-ħolqien taħt sura ta' frakiet
ta' xemx u dija,

Ta’ baħar u ta’ sħab, ta’ lwien u għabra
li minnhom biċċa saru qabda friefet,
u biċċa nibtu ġewwa l-ġnien u kibru
                    ħarġa pensieri.